MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 39/2017

Il-Ġimgħa 24 ta' Novembru 2017

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier
Chev Carmelo Saliba – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv
Is-Sinjura Josianne Cassar – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Nicky Saliba ippresjeda l-laqgħa.

### 39.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

39.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 39.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

39.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 37/2017, u tal-laqgħa b'urġenza bin-nru. 38/2017 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

39.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

39.2.3 Chev. C Saliba għamel punt fuq il-minuti 37.3.5 u qal li l-Gvern Ċentrali għandu jidħol għall-ispiża hu biex jirranġa għal dan il-periklu fuq is-sigurta' tan-nies u mhux is-sidien peress li hemm il-pjan li din il-biċċa art privata ser tittieħed mill-gvern ċentrali biex tiġi żviluppata. Chev C. Saliba qal li azzjoni għandha tittieħed malajr qabel iseħħ xi inċident. Is-sindku informa lill-Kunsill li wara insistenza min-naħa tiegħu, uffiċċjali mill-Ministeru għal Għawdex ġew fuq il-post u ħadu xi ritratti u qalu li ser tittieħed azzjoni. Is-sindku qal ukoll li kien għamel rapport mal-pulizija 10/Z/3906/2017.

39.2.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 39.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

39.3.1 Is-Sindku awgura lis-segretarju eżekuttiv l-ġdid is-Sur Ryan Debrincat għall-ħidma l-ġdida tiegħu fil-Kunsill u rringrazzja lid-deputat segretarja eżekuttiva għas-servizz tagħha. Il-kunsilliera ngħaqdu mas-sindku u rringrazzjaw lis-sinjura Josianne Cassar u awguraw lis-Sur Ryan Debrincat. Is-Sindku informa lill-Kunsill li ser jiġġedded il-kuntratt tad-Deputat Segretarju is-Sinjura Josianne Cassar għal term ieħor ta' 90 jum sal-31 ta' Jannar 2018. Kien hemm qbil mill-Kunsill.

39.3.2 Is-Sindku avża lil Kunsill li l-Ħadd 10 ta' Diċembru 2017 ser ikollna ż-żjara mill-E.T. l-President ta' Malta bejn 6.10pm u 6.40pm. Is-Sindku għamel

suġġeriment biex nilqgħu lill-President quddiem il-Każin tas-Soċjeta’ Filarmonika Santa Marija u ssir serata qasira fis-sala tal-Każin bis-sehem tal-Kor tar-raħal. Il-Kunsill qabel ma’ dan is-suġġeriment.

39.3.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar Triq Skapuċċina, li wara laqgħa mar-residenti, qed isiru s-*surveys tad-double yellow lines* mill-Perit Edward Scerri. Is-Sindku qal ukoll li ġie avviċinat mis-Sur Toni Zammit, resident fl-istess triq li ma jaqbilx ma’ dawn is-sinjali u qallu li fejn tiegħu jistgħu ma jsirux. Is-Sindku qal li dakinhar il-maġġoranza tar-residenti qablu li jsiru d-*double yellow lines.* Chev. C. Saliba qal li l-Kunsill mexa skond il-liġi fejn saret konsultazzjoni mar-residenti u mat-tekniċi tal-kunsill u wara giet approvata mill-Kunsill. Is-Sur Christian Cassar qal li importanti li ma jkunx hemm ostakoli għall-karozzi li jgħaddu minn din it-triq.

39.3.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali dwar applikazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex “Skema ta’ Restawr ta’ Postijiet Storiċi”. Is-Sindku ssuġerixxa li naplikaw biex jiġi restawrat is-salib ta’ Pjazza l-Assunta u jsir bit-taraġ ta’ l-irħam u bid-dawl. Chev. C. Saliba qal li l-aħjar li jinżamm l-istat oriġinali tiegħu filwaqt li s-Sur Daniel Cordina qal li l-aħjar li tinituża l-ġebla tal-qawwi. Il-Kunsill qabel li issir l-applikazzjoni għar-restawr tas-salib tal-pjazza.

39.3.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill li bl-inizjattiva tad-deputat segretarju is-sinjura Josianne Cassar sar tindif estensiv tal-parti ta’ barra tal-*basement* fejn kien hemm telqa u nuqqasijiet li kawża ta’ hekk kellhom jintremew ħafna affarijiet.

## 39.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

39.4.1 Chev C. Saliba nforma lill-Kunsill li kien hemm kompetizzjoni mill-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar u l-Perit tal-kunsill, il-Perit E. Scerri, rebaħ żewg unuri. Il- Kunsill feraħ lil Perit E. Scerri ta’ dan.

39.4.2 Chev C. Saliba saqsa dwar il-kundizzjoni ta’ Triq ta’ Tutiet u meta ser titranġa. Is-Sindku wieġeb li din it-triq saret illum.

39.4.3 Chev C. Saliba għamel suġġeriment sabiex fi Triq iż-Żebbuġ fejn kien hemm ħmistax il-siġra taż-żebbuġ li kienu mietu, jerġgħu jsiru dawn is-siġar mill-ġdid. Qal ukoll biex isir ix-xogħol ta’ żabra u ħart tas-siġar taż-żebbuġ ta’ din it-triq. Kien hemm qbil dwar dan.

39.4.4 Is-Sur Daniel Cordina ġibed l-attenzjoni biex il-kunsill jinforma l-awtoritajiet dwar blat perikoluż fix-Xwejni.

39.4.5 Is-Sur Daniel Cordina għamel suġġeriment sabiex tiġi organizzata ħarġa edukattiva f'Għawdex għar-residenti tal-lokalita' fl-impjant tal-WasteServ. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment u ser jerġgħu jitkellmu flimkien wara l-festi tal-Milied biex jiftehmu dwar data meta tista' ssir din il-ħarġa.

39.4.6 Is-Sur Daniel Cordina informa lil kunsill dwar il-periklu fi Triq iż-Żebbuġ quddiem l-impjant ta' *Road Construction* fejn it-triq tidjieq u ssuġerixxa li ssir pressjoni ma' l-awtoritajiet biex isiru *double yellow lines* sabiex ma jipparkjawx. Is-Sindku wieġeb li dwar din it-triq ilha ssir pressjoni u tintbagħat korrispondenza imma għadu ma sar xejn. Chev C. Saliba qal li l-kunsill għandu juri l-preokkupazzjoni tiegħu lill-Ministru tat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali peress li din hija l-unika triq f'Għawdex li ma kinitx saret mill-ġdid. Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra lill-Ministru Ian Borg, lil Transport Malta u lill-Ministru għal Għawdex.

39.4.7 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar ħajt fix-Xwejni li qed jinqaleb wara kull maltempata. Il-kunsill qabel li jsir barrier tal-ħadid minflok il-ħajt.

## 39.5 Korrispondenza, Ilmenti u Suġġerimenti;

39.5.1 Is-Sindku ġie avviċinat mill-għaqda ta' l-armar tar-raħal sabiex jibdew jagħmlu użu mill-*istore* tal-kunsill fi Pjazza tal-Virtut. Il-Kunsill iddeċieda li ssir laqgħa ma' l-istess għaqda dwar dan.

39.5.2 Chev. C Saliba għamel suġġeriment sabiex il-post f'Ghajn Mhelel ta' l-Universitatis jiġi devolut lill-Kunsill Lokali u jintuża bħala *store.*

39.5.3 Is-Sur Daniel Cordina ressaq ilment dwar it-toqba tal-pilandra ta' l-armar fuq ir-riħ ta' Triq ta' Ċikku. Is-Sindku wieġeb li se jitkellem ma' tal-armar biex jagħmlu t-tappiera.

39.5.4 Is-Sur Daniel Cordina staqsa dwar it-tinda tal-pitch tal-boċċi. Is-segretarju wieġeb li hemm it-tender lesta u għalqu l-offerti u ntgħażel il-kuntrattur imma ser nestendu l-kuntratt peress li hemm prijoritajiet oħra. Is-Sur Daniel Cordina

ssuġġerixxa li jinqalgħu l-kanni tal-pitch tal-boċċi u jinġabru.

39.5.5 Is-Sur Daniel Cordina ressaq ilment dwar il-kundizzjoni ta' Triq taċ-Ċaqra. Is-Sindku wieġeb li kulħadd jixtieq li jsir ix-xogħol imma minħabba *commitments* oħrajn irridu noqogħdu attenti biex ma nonfqux flus aktar milli jiflaħ il-kunsill.

39.5.6 Is-Sur Daniel Cordina għamel suġġeriment sabiex jitqassmu l-boroż il-griżi lil kulħadd. Il-Kunsill qabel li nkellmu lill-Green MT biex tagħtina l-boroż.

39.5.7 Is-Sur Daniel Cordina għamel suġġeriment sabiex isiru bollards quddiem iċ-ċimiterju. Il-Kunsill qabel li jinxtraw 3 bollards ħomor u jitpoġġew hemmhekk.

39.5.8 Chev C. Saliba ressaq ilment sabiex jitnaddaf il-*culvert* ta' Triq ta' Ċikku u jsiru żewġ bollards f'din l-istess triq. Kien hemm qbil mill-Kunsill.

39.5.9 Is-Sur Daniel Cordina kien ressaq ilment b'*email* sabiex jitnaddaf il-*culvert* fi Triq Madonna taċ-Ċiċri. Is-Sindku wieġeb li tnaddaf dan l-aħħar.

39.5.10 Is-Sur Daniel Cordina kien ressaq ilment b'*email* sabiex tinqala' l-hanger tal-boroż taż-żibel li hemm fi Triq il-Kanun. Il-Kunsill qabel dwar dan.

39.5.11 Is-Sindku ressaq suġġeriment sabiex jinxtara apparat magnifier sabiex l-impjegata ta' l-iskema CIES Frances Cefai tkun tista' tikkontribwixxi aktar fil-ħidma tagħha fil-kunsill. Kien hemm qbil dwar dan.

39.5.12 Ilment 63/2017 – B. Portelli
Qed jitlob sabiex issir *sleeping policeman* quddiem l-indirizz: 'Briang', Triq Għajn Mhelel, iż-Żebbuġ. Il-Kunsill iddeċieda li minflok *sleeping policeman* issir *SLOW* sign impittra ma' l-art.

39.5.13 Ilment 64/2017 – M. Zammit
Qed tilmenta biex isir *dog bin* ġo Triq Oniċi. Il-Kunsill ma qabilx dwar dan u ssuġġerixxa sabiex jiddisponu minn dan l-iskart fi djarhom peress li tkun problema għal min se jnaddaf dan il-*bin*.

39.5.14 Ilment 65/2017 – J.Zammit
Qed titlob biex il-Kunsill jiprovdi kamra fejn isiru lezzjonijiet tal-lingwa. Il-Kunsill qabel li jiprovdi l-*basement* tal-kunsill sakemm is-sinjura li qiegħda tilmenta mhux ser tagħmel dan għal gwadan personali.

39.5.15 L-Awtorita' ta' l-Ippjanar bagħtet korrispondenza bil-bilanċi tal-UIF li huma €78,654.70 għal lokalita' iż-Żebbuġ u €136,832.66 għal Marsalforn.

39.5.16 Ċirkulari Nru. 30/2017 – Twettiq ta' Proġetti utli għall-Komunita' bla spejjeż għall-Kunsilli Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv ser jirċievi stedina għal-laqgħa ta' informazzjoni apposta li matulha ser ikun spjegat aħjar il-proċess.

39.5.17 Ċirkulari Nru. 32/2017 - Kjarifika dwar Permessi maħruġa mill-Kunsilli Lokali.

39.5.18 Ċirkulari AKL 86/2017 - Sessjoni ta' Taħriġ rigward is-Sit Elettroniku ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar.

39.5.19 Ċirkulari AKL 87/2017 - European Youth Event 2018

39.5.20 Il-Kunsill Lokali Għajnsielem bagħat korrispondenza bis-suġġett 'Stedina biex naqsmu l-esperjenza ta' Betlem f'Għajnsielem Flimkien'. Il-Kunsill iddeċieda li fil-ħarġa f'Għawdex fil-Milied inżuru dan il-presepju.

39.5.21 Ċirkulari Nru. 34/2017 - Allokazzjoni Finanzjarja għal 2018.
Dettalji tal-allokazzjoni finanzjarja għall-attenzjoni tal-Kunsill Lokali.

39.5.22 L-uffiċċju tal-Prim Ministru bagħat korrispondenza lill-Kunsill bis-suġġett 'Ms Micheline Cutajar ID 35760G – Secretariat Officer in the Private Secretariat of the Minister for Gozo'. F'din l-ittra hemm miktub li Ms. Micheline Cutajar bdiet taħdem fis-segretarjat b'effett mill-4 ta' Lulju 2017 u qiegħda fuq *unpaid leave* minn mal-Kunsill Lokali iż-Żebbuġ biex kif jiskadi t-terminu tagħha fis-segretarjat hija terġa' lura f'postha fil-Kunsill lokali ż-Żebbuġ.
Is-Sindku qal li hu kien irċieva telefonata mingħand Micheline Cutajar li ser tieqaf dak il-ħin u tmur fis-segretarjat. Chev C. Saliba qal li "la darba Micheline Cutajar kienet impjegata tal-Kunsill, l-OPM *over-ruled* lill-Kunsill". Qal ukoll li fil-każ ta' l-ex segretarju eżekuttiv is-sinjura Diane Tagliaferro, jixtieq li l-Kunsill jitlob parir legali peress li ħadet il-*maternity leave* u tterminat l-impjieg mingħajr ma ħadmet in-*notice*.

## 39.6 Milied 2017 ;

39.6.1 Għall-festi tal-Milied il-Kunsill approva dawn l-attivitajiet:

- Kompetizzjoni tal-presepji;
- Ħarġa f'Għawdex bix-xarabank nhar it-Tlieta 26 ta' Diċembru 2017 fejn ser inżuru diversi presepji fosthom Betlem f'Għajnsielem;
- Festin għat-tfal taż-Żebbuġ u Marsalforn sa 14-il sena fis-sala ta' Villa Fiorita għall-prezz ta' €2 nhar il-Ġimgħa 29 ta' Diċembru 2017.

## 39.7 Rapporti tal-bord tal-Evalwazzjoni;

### 39.7.1 Kiri u nstallazzjoni ta' dawl tal-Milied fi Pjazza l-Assunta u Triq il-Knisja;

Cfq Nru. 05/2016

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta il-kwotazzjonijiet miftuħa nhar il-Ġimgħa, 24 ta'Novembru 2017 f'nofsinhar fil-preżenza ta' C. Cassar u R. Debrincat. Dawn kienu:

- Chris Gauci - €3,800 (Vat eskluż)

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-Kunsill ir-rapport tal-Bord tal-għażla, li kien iltaqa' qabel il-laqgħa tal-Kunsill, dwar din il-kwotazzjoni. Il-Bord irrakkomanda li tingħata lil Chris Gauci u l-Kunsill qabel unanimament.

### 39.7.2 Stampar ta' Kalendarju 2018;

Cfq Nru. 06/2016

Is- Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-offerti miftuħa nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Novembru 2017 f'nofsinhar fil-preżenza ta' C. Cassar u R. Debrincat. Dawn kienu:

- Mediatoday Co. Ltd - €1,550.00 (Vat eskluż);
- JDB Printing - €815.00 (Vat eskluż);
- Bonnici's Press - €930.00 (Vat eskluż).

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-Kunsill ir-rapport tal-Bord tal-għażla, li kien iltaqa' qabel il-laqgħa tal-Kunsill, dwar din il-kwotazzjoni. Il-Bord irrakkomanda li tingħata lil JDB Printing peress li kienet l-irħas kwotazzjoni u li kienet tissodisfa l-kriterji mitluba.

**39.8 Ir-Rapporti Finanzjarji tat-Tlett Xhur Jannar-Marzu 2017, April-Ġunju 2017, Lulju-Settembru 2017;**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra r-Rapporti Finanzjarji tat-tlett xhur Jannar-Marzu 2017, April-Ġunju 2017, Lulju-Settembru 2017. Il-Kunsill iddiskuta dawn ir-rapporti fejn ħareġ il-bżonn ta' aktar attenzjoni għall-aħħar kwart tas-sena sabiex inżommu mal-mira mfassla mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali . Il-Kunsill approva dawn ir-rapporti u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**39.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv;**

Il-minuti tal-laqgħa bin-nru. KAM 29/2017 tat-Tlieta 29 t'Awissu 2017 u KAM30/2017 tat-Tnejn 30 ta' Ottubru 2017 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ittieħdu bħala approvati mill-Kunsill.

**39.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 28/2017 – DOK A għall-perjodu bejn id-9 t' Ottubru 2017 u t-23 ta' Novembru 2017 li tammonta għal €56,969.58 kienet approvata u ffirmata.

**39.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fit-8.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 21 ta' Diċembru 2017 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum il-Ħamis 21 ta' Diċembru 2017.

*iffirmata*
**Nicky Saliba**
Sindku

*iffirmata*
**Ryan Debrincat**
Segretarju Eżekuttiv